Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita'
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3/ K9/ 2024**

**Data tal-Laqgha: 06 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli Itaqa' fit-15.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Raymond Schembri - Sindku
Paul Mamo - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier
Alexander Demicoli - Kunsillier

Iven Demicoli – Ambaxxatur taz-Zghazagh

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Sindku** : Raymond Schembri
**Viċi Sindku** : Paul Mamo
**Kunsilliera** : David Vassallo, Ryan Tanti u Alexander Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv** : Shawn Tanti

**Minuti**

**:3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

3.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K9/2024, 02/K9/2024**

3.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 1/K9/2024.

3.2.2 Il-Kunsillier Alexander Demicoli ssekonda

3.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament

3.2.4 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 2/K9/2024.

3.2.5 Il-Kunsillier Alexander Demicoli ssekonda

3.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament

**3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li sar qtugħ ta' ħaxix ġewwa Triq l-Irdum, Triq Ħal-Tartarni, Sqaq il-Marġ, Triq Inżul ix-Xemx u Triq il-Maddalena.

3.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li sar tindif u tisbiħ lill-għamara li hemm fi ġnejna biswit Villa Psaigon.

3.3.3 Is-Sindku .Raymond Schembri nforma li saret it-tiswija neċessarja fuq l-istorm water culvert fi Triq Claudette Agius.

3.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lil dan il-Kunsill li sar qtugħ ta' ħaxix u tindif fi Triq it-Turretta, Triq Panoramika u Triq Misraħ Suffara.

3.3.5 Is-Sindku Raymond Schembri nforma wkoll li issa tlestew it-tiswijiet kollha fuq il-playhouse fi Ġnien il-Familja.

3.3.6 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lil Kunsill li tnaddfet l-area li hemm biswit is-substation fi Triq it-Turretta.

3.3.7 Is-Sindku Raymond Schembri nforma wkoll li twaħħlet tabella ta' triq tagħlaq gewwa Trejqet il-Ħarrub.

3.3.8 Is-Sindku Raymond Schembri informa li twahhlu tlett doggy bins kif approvati minn dan il-kunsill.

### 3.4 Twegibiet ghal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija tal-Kunsilliera.

### 3.5 Rapporti, Ilmenti u Ordinjiet ta' xogħol

3.5.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma li harget l-ordni ta' xogħol ghal Ġardin Joseph Farrugia hekk kif approvata.

3.5.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 3.6 Lampa Ġdida fi Triq il-Maddalena

3.6.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona sabiex issir lampa ġdida fi Triq il-Maddalena sabiex anke hawn inneħħu d-dlam li fadal f'din il-parti tat-triq.

3.6.2 Il-Kunsillier Alex Demicoli ssekonda.

3.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.7 Andament Triq il-Parroċċa**

3.7.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex napplikaw ma' Transport Malta sabiex titneħħa il-One-Way gi Triq il-Parroċċa.

3.7.2 Il-Kunsillier Alex Demicoli ssekonda.

3.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.8 Kwotazzjoni bankina Triq Panoramika**

3.8.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex tintgħazel l-orħos offerta u jinbeda x-xogħol, liema kont imbagħad jitħallas mill-WSC

3.8.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.9 Dawl fi Triq Widnet il-Baħar**

3.9.1 Dan l-item ser jigi diskuss f'laqgħa oħra.

**3.10 Manutenzjoni fi Trejqet il-Qaws**

3.10.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona sabiex inqabbdu lill-Kuntrattur tagħna sabiex jagħtina stima ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni fi Triq il-Qaws.

3.10.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.11 Traffic Lights minflok tabelli ta' One Ways fi Triq il-Buskett**

3.11.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex isiru traffic lights flok tabelli ta One Ways fi Triq il-Buskett. Il-Kunsillier David Vassallo

żied billi qal li dawn it-tip ta' traffic lights m'hawnx bħalhom Malta u ghaldaqstant l-Kunsill ser jibghat ghal direzzjoni mingħand TM

3.11.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.12 Entertainment Ikla 25 ta' Mejju 2024

3.12.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex naghzlu l-orħos offerta ghal entertainment għall-ikla tal-25 ta' Mejju.

3.12.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

3.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.13 Co-Ordinator Wirja Agrarja

3.13.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nohorgu l-kwotazzjonijiet ghal-Coordinator għall-Wirja Agrarja 2024

3.13.2 Il-Vici Sindku Paul Mamo ssekonda.

3.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.14 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.14.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppreżenta l-iskeda tad-dħul u hrug. (Dok. 2 sa Dok. 3)

3.14.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.
3.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.15 Mozzjonijiet

3.15.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**3.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

3.16.1. Il-laqgħa ntemmet fis-17 :20 u ġiet aġġornata għal -5 ta' Marzu 2024 fit-15:30

3.16.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

3.16.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 5 ta' Marzu, 2024

Raymond Schembri
Sindku

Shawn Tanti
Segretarju Eżekuttiv